**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Daryl Borg]**

**vs**

**David Schembri**

**Kumpilazzjoni Numru: 992/12**

**Illum, 15 ta' Jannar, 2018**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra David Schembri detentur tal-karta tal-identita` numru 0099573M gie akkuzat talli nhar it-23 ta' Frar 2012, ghall-habta ta' 10:45Hrs waqt li kien qieghed isuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni GBH-999 ta' l-ghamla Toyota Hilux fi Triq Schembri, Hamrun u f'inhawi ohra fil-Gzejjer Maltin:-

1. B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku ikkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Giusepp Meli detentur tal-karta ta' l-identita' b'numru 312427M skond kif iccertifika Dr. Thomas Armatys M.D. (Reg. No. 2788);

2. Talli fl-istess data, hin , lok u cirkostanzi saq l-imsemmija vettura b'mod perikoluz;

3. U aktar talli meta l-imsemmija triq kienet immarkata b'linji bojod paralleli jew bi studs matul il-wisa' taghha, jew b'sinjali ohra biex juru spazju ghall-passagg ghall-uzu ta' nies bil-pass, meta kien qed isuq il-vettura GBH-999 waqt li kien qed jersaq lejn dak il-passagg naqas li jmexxi bil-mod u, jekk ikun hemm bzonn jieqaf, biex ihalli lin-nies bil-pass jaqsmu, bla ma ghandu f'ebda kaz jaqsam l-passagg ta' xi nies bil-pass li jkunu qed juzawh u dan bi ksur tal-artikolu 89(1) tal-Legizlazzjoni Sussidjarja 65.11.

4. Kif ukoll talli kkommetta reat waqt il-perjodu ta' sentenza sospiza mposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati Malta (Mag. Dr. J. Padovani Grima LL.D) b'sentenza moghtija nhar is-07 ta' Dicembru 2011 liema sentenza saret definittiva w ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija tqis lill-imputat bhala li sar recediv ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta wara li kien misjub hati f'sentenza moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenza saret definittivi w ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet mitluba illi f'kaz ta' htija, tiskwalifika lill-imsemmi David Schembri milli jkollu jew jottjeni xi licenzja ta-sewqan ghall-perjodu li l-Qorti jidhrilha xieraq;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat in-nota tal-Avukat Generali li biha ta l-kunsens tieghu li dawn il-proceduri jigu trattati bil-procedura sommarja;

Semghet ix-xhieda kollha inkluz dik tal-imputat u t-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat illi din il-kawza titratta fuq incident awtomobilistiku bejn il-vettura tal-imputat u persuna anzjana li kienet ser taqsam it-triq liema incident sehh fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Frar elfejn u tnax (2012) fi Triq Schembri, Hamrun u fejn Giuseppi Meli garrab griehi gravi hekk kif kien certifikat minn Dr. Thomas Armatys;

Illi l-Qorti kellha l-okkazzjoni li tisma' x-xhieda tal-parte civile **Giuseppi Meli** tramite Magistrat Supplenti Dr. Stefano Filletti li sema' x-xhieda tieghu gewwa r-residenza tieghu stante li kien infortunat, u fejn huwa kkonferma li ghandu sebgha u tmenin (87) sena u li kien gej minghand it-tabib fejn kellu *check up* u meta gie biex jaqsam miz-*zebra crossing* sehh l-incident. Huwa ma jafx x'gara wara u l-anqas jiftakar jekk harisx qabel ma qasam it-triq. Ma jiftakarx l-anqas jekk kien hemm vann miftuh minn wara. Huwa jghid li dam l-isptar ghall-perjodu ta' xahar.

Semghet ix-xhieda tat-tabib **Dr. Thomas Armatys** fejn huwa kien it-tabib li kien ezamina lill-vittma malli wasal l-isptar. Huwa jghid illi per konsegwenza

tal-incident il-vittma sofra griehi gravi rizultanti fi frattura f'rasu fejn saritlu CT Scan izda li wara ma baqax isegwih u ghalhekk ma jafx kif kien baqa' (*vide* Dok. TA1).

Semghet ukoll ix-xhieda ta' **WPS 224 Susan Mifsud** fejn hija kienet hadet l-ewwel verzjonijiet fuq il-post tal-incident, filwaqt li tkellmet mal-imputat, ikkonfermat dak li kien qallha l-istess minn certu Gordon Grech li kien il-persuna li kien qed ihott xi pizez f'tilari fuq van Toyota PFU 001 quddiem il-Pizza 4 You u li din il-vettura kienet *double parked* u kienet ukoll tmiss maz-*zebra crossing*. Grech jghid ukoll illi f'daqqa wahda ra ragel anzjan mal-art.

Din il-verzjoni taqbel perfettament ma' dak li kien qallha l-imputat *a tempo vergine* fejn din il-verzjoni tinsab iskritta fir-rapport tal-incident (Dok SM 1 – a fol. 27 tal-process) u fejn l-imputat kien ta dettalji cari tal-persuni li kienu qeghdin ihottu l-pizez u tal-vettura taghhom.

Ix-xhieda ta' **Gordon Grech** giet mismugha fis-seduta tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Gunju elfejn u erbatax (2014) fejn dan ikkonferma li dakinhar tal-incident kien qieghed barra l-Pizza 4 You fil-Hamrun fejn meta kien f'dan il-hanut sema' kommossjoni, hareg u sab l-anzjan mal-art. Jghid illi qabel l-incident kien qieghed ihott xi tilari mill-karrozza ghall-hanut u fl-istess hin kien qed jitkellem ma' xi haddiehor. Dan il-van li kien Toyota Ractus kien ipparkajt maz-*zebra crossing* b'*double parking*. Huwa jikkonferma li ma jiftakarx jekk l-anzjan kienx kellmu.

Finalment xehed l-imputat **David Schembri** fejn huwa jispjega dakinhar tal-incident u fejn jghid illi triq inkwistjoni kienet pjuttost traffikuza u kienet bdiet ix-xita. Jispjega illi kif iddur il-kantuniera sabiex taqbad Triq Schembri, hemm *zebra crossing* li quddiemha hemm hanut tal-pizza jishmu Pizza 4 You. Jghid

illi ftit qabel l-incident kien hemm vann li l-wara tieghu kien fuq iz-*zebra crossing* li kellu wara miftuh u kien hemm zewg persuni li kienu qeghdin ihottu xi tilari u fejn dawn nizlu l-bankina t-tnejn li huma.

Huwa jkompli jghid is-segwenti:

> ***"Jiena kont qieghed wieqaf dak il-hin qabel iz-zebra crossing, sadanittant qed nosserva kollox jiena, waqfu u qeghdin jitkellmu fejn it-tailgate tal-karrozza miftuha u wiehed minnhom qed jghabbi u l-iehor qed jitkellem mieghu. Kif rajt hekk jiena gbidt naqra l-barra peress li kienet double parked il-karrozza, qlajt bil-mod u soqt, kif ezatt kwazi qbizt iz-zebra crossing litteralment qbiztha wiehed minn dawn it-tnejn qabad u qasam u dahal gol-genb tal-karrozza tieghi, niftakar fic-cert illi qabdet niezla x-xita dak il-hin naqra iktar bis-sahha minn kif kienet qabel, smajt id-daqqa, waqaft, inzilt u cempilt l-ambulanza mill-ewwel".***

Huwa jghid ukoll illi d-daqqa hadha fil-genb tal-karrozza fil-parti ta' quddiem.

Ikkunsidrat:

Illi minn dak kollu li qal l-imputat, li wara kollox kienet dejjem l-istess verzjoni mill-bidu, jidher car illi dan kellu *a proper lookout* ta' dak li kien qed jigri madwaru tant u hekk li ta deskrizzjoni perfetta ta' x'kien qed jigri mid-direzzjoni li giet minnha l-vittma.

Illi analizi qasira tal-gurisprudenza nostrana turi x'inhuma r-responsabbilitajiet ta' sewwieq fit-triq a rigward dan il-punt. Illi fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Roderick Debattista** (deciz fis-26 ta' Mejju, 2004 [App. Krim.

Nru: 18/2004]), il-Qorti kkwotat sintezi mehuda minn decizjoni precedenti (deciz fil-25 ta' Marzu, 2004 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Noel Gauci** [App. Krim. Nru: 32/2004/JGD]) u sostniet:

> "*Gie appropositu ritenut li hu dover ta' driver 'to see what is in plain view" (Appell Kriminali: Il-Pulizija vs. Joseph Vella [10/08/1963] u li 'min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara jfisser li ma kienx qed izomm a proper lookout' (Appell Kriminali: Il-Pulizija vs J.M. Laferla [17/06/1961])".*

Illi fi **Newhaus N.D. vs. Bastion Insurance Co. Ltd.** (1968), il-Qrati Inglizi kienu rritenew li:

> *"Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead – It includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist should have a view of the whole road from side to side and, in the case of a road passing through a built up area, of the pavements on the side of the road as well."*

Jirrizulta ghalhekk illi li l-kawza prossima tal-akkadut kien il-hrug inopportun u affrettat tal-vittma minn wara l-vann. Illi huwa veru illi dan kellu l-vizwali tieghu parzjalment ridotti minhabba dan il-vann ipparkajat hazin izda jidher illi xorta kellu jkun aktar diligenti qabel ma jaqsam it-triq sabiex jassigura li tenut kont tac-cirkostanzi jara li ma jkunux gejjin karrozzi allavolja kien ser jaqsam minn fuq iz-*zebra crossing*, u/jew jekk ikunu gejjin karrozzi, illi qabel jaqsam is-sewwieq ta' dik il-karrozza jkun rah u jkun ser jiqaflu.

Illi l-fatt illi jkun hemm *zebra crossing* mhijiex xi haga awtomatika li *pedestrian* ghandu d-dritt illi jaqbad u jaqsam bl-addocc hekk kif is-sewwieq

ghandu l-obbligu li qabel *zebra crossing* huwa jnaqqas il-velocita' sabiex ikun cert jekk ikunux ser jaqsmu xi nies. F'dan il-kaz l-imputat zamm ma' dan l-obbligu izda l-vittma certament ma zammx u ghalhekk ghandu jkun unikament responsabbli ghal dan l-incident.

Illi dejjem gie ritenut li f'sede kriminali kull sewwieq iwiegeb ghall-agir tieghu indipendentement minn dak li jaghmel haddiehor, ammenoché dak li jigri ma jkunx dovut unikament u esklussivament ghall-htijiet da parti ta' haddiehor (Vide Appell Kriminali: **Il-Pulizija vs. Gaetano Schembri** (16.3.1961); **Il-Pulizija vs. John Polidano** (3.11.1963); **Il-Pulizija vs. Rev. C. Mifsud** (XXXVII.IV.1131). Dan ghaliex il-contributory negligence ma tezonerax lis-sewwieq jekk ma tkunx il-kawza unika tas-sinisitru (Vol. XXXVIII.IV.883). Illi dan huwa propju dak li gara f'dan il-kaz.

Sentenzi ohra li jabbraccaw ir-ragunament ta' din il-Qorti f'dan l-incident hija d-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Michael Grech** moghtija fl-20 ta' Frar 2007, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> *"Kif gie ritenut minn din il-Qorti ripetutament u kif intqal fl-Appell Kriminali Il-Pulizija vs. Alfred Mifsud deciz fis-6 ta' Mejju 1997 (Vol. LXXXI.iv.157), din il-Qorti diversament presjeduta qalet:*
>
> *Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita` ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat. Sewqan bla kont hu deskritt ... bhala sewqan 'bi*

*traskuragni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji. Sewqan perikoluz (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta` taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita` ta' l-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. [...]"*

U kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali **<u>Il-Pulizija vs. Mario Gellel</u>** deciz fid-19 ta' Frar 2004:

*"... kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta, jekk sewqan hux (i) negligenti, jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' 'degree' (App. Krim. Pul. vs. Charles Bartolo, 14.3.59, Pol. vs. Wilson [Vol. XXXIX iv. 1018] u Pul. vs. Alfred Vella [Vol. XLIV, p. 933]) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta` taghhom (App. Krim. Pul. vs. Hardingham, 19.10.1963). Gie wkoll ritenut li biex jintegra ruhu r-reat ta' sewqan perikoluz, hemm bzonn ta' certu grad ta' 'recklessness' (App. Krim. Pul. vs. Charles Farrugia [Vol. XXXIX iv.9 78]). 'Recklessness' giet definita bhala 'wilfully shutting one's eye' (App. Krim. Pul. vs. Joseph Aquilina, 20.4.1963). Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita ssinistri stradali (App. Krim. Pul. vs. Antonio Spiteri [Vol. XLIV iv. 892])".*

Illi, b'applikazzjoni ta' dan l-insenjament ghall-kaz in ezami, huwa car li l-imputat certament ma kienx negligenti u traskurat fis-sewqan tieghu.

M'hemmx dubju wkoll li l-imputat ma naqasx mit-tharis tar-regolamenti tat-traffiku ghaliex l-imputat ha l-prekawzjonijiet kollha li huwa kien obbligat li jiehu meta gie biex jaqla' u kien il-vittma li dahal fil-karrozza tieghu mhux vice versa. Il-hsarat fuq il-vettura gew ippruvati fl-atti specjalment fir-rapport tas-Surgent li kkompilah.

Ghal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputat **David Schembri** hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u tilliberah minnhom.

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**